# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar il-21 ta' Ottubru 2024**

**Rik.Gur. Nru.: 261/2021 JPG**
**Kawza Nru : 17**

**ABB f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem tal-minuri SBB**

**Vs**

**LM, BS u Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' ABB datat 29 ta' Ottubru 2021, a fol 1et seqq, li jaqra hekk:

1. *ILLI r-rikorrenti ABB zzewget lill-konvenut LM nhar it-tmienja (8) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn (2002), skond ma jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg relattiv illi qed jigi hawn anness, esebit u mmarkat bhala* ***Dok. "A".***

2. *ILLI r-rikorrenti ABB u l-imsemmi zewgha LM ilhom separati de facto ghal iktar minn sentejn, u senjatament minn Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019), b'dan*

*illi prezentement huma ghaddejjin minn proceduri gudizzjarji ghas-separazzjoni personali ta' bejniethom, kif ser jirrizulta fil-kors tal-proceduri odjerni.*

3. *ILLI nhar Z twieled il-minuri SBB , b'dan illi peress illi t-twelid sehh fit-terminu stabbilit fl-artiklu 68 tal-Kapitolu sittax (16) tal-Ligijiet ta' Malta l-imsemmi minuri gie registrat mill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku fl-atti tat-twelid tieghu li jgib in-numru 5433/2021, bhala wild il-konvenut LM , kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid relattiv, illi qieghed jigi hawn anness, esebit u mmarkat bhala **Dok. 'B'**.*

4. *ILLI madanakollu meta giet kkoncepit il-minuri SBB ir-rikorrenti ABB u l-intimat zewgha LM kienu mifruda de facto b'dan illi huma kienu ilhom diga' zmien twil bi problemi bejniethom, l-intimat kien diga' abbanduna d-dar matrimonjali, u z-zwieg taghhom kien ilu li tkisser b'mod irrimedjabbli.*

5. *ILLI matul dan iz-zmien ma kien hemm l-ebda rikonciljazzjoni u wisq anqas rapporti intimi bejn ir-rikorrenti ABB u l-intimat LM ;*

6. *ILLI ghaldaqstant l-intimat LM ma huwiex u ma jistax ikun missier il-minuri SBB , peress illi hu u r-rikorrenti ma kellhom l-ebda rapporti intimi bejn it-tlett mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid ta' l-istess minuri SBB u ghalhekk il-konvenut LM kien effetivament fl-impossibilita' fizika li jghammar mar-rikorrenti ABB minhabba li kien il-boghod minnha;*

7. *ILLI effetivament missier il-minuri SBB huwa l-konvenut BS u dan peress illi fiz-zmien meta l-istess minuri gie kkoncepit ir-rikorrenti u l-konvenut BS kellhom relazzjoni bejniethom u ghadhom f'din ir-relazzjoni, b'dan illi ma hemmx dubbju, kif jista' jigi ppruvat ukoll permezz ta' testijiet xjentifici u genetici, illi missier il-minuri SBB huwa effettivament il-konvenut BS u mhux LM .*

8. *ILLI minkejja illi gie interpellat diversi drabi sabiex jidher quddiem l-Imhallef Emeritus Dr Galea Debono sabiex il-minuri SBB jigi registarat fuq isem il-missier biologiku tieghu, u b'hekk jigu evitati l-ispejjez gudizzjarji, b'sens ta' pika, l-intimat LM irrifjuta, iktar minn darba, li jaghmel dan, anke wara li kien ikkonferma li kien ser jattendi ghall-istess seduta.*

9. *ILLI ghalhekk kellhom jigu istitwiti l-proceduri odjerni sabiex: -*

*(i) Fl-ewwel lok jigi stabbilit u ddikjarat illi l-minuri SBB huwa effetivament iben il-konvenut BS u mhux iben il-konvenut LM , kif indikat fl-att tat-twelid bin-numru 5433/2021;*

*(ii) Konsegwentament jigi korrett l-att tat-twelid bin-numru 5433/2021 sabiex jirrifleti din il-verita' dwar il-paternita' tal-minuri SBB*

*Ghaldaqstant, u in vista tas-suespost, l-esponenti umilment titlob illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-*

1. *Tiddikjara u tiddecidi illi l-konvenut BS huwa l-missier naturali tal-minuri S maghruf bil-kunjom BB, u mhux iben il-konvenut LM ;*
2. *Konsegwentement tordna l-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid tal-minuri SBB billi fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom missier il-minuri tikkancella l-kliem 'LM ' u tissostitwih bl-isem 'BS';*
3. *Tordna ukoll illi l-partikolarijiet relattivi ghal professjoni, sengha jew stat iehor, ghall-eta', ghall-post tat-twelid u residenza, u ghal isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet, in kwantu jirreferu ghal missier il-minuri, jigu korretti kontestwalment billi jigu sostitwiti b'dawk il-partikolarijiet li sejrin jirrizultaw waqt is-smiegh tal-kawza;*
4. *Tordna li l-kunjom tal-minuri ikun l-istess kunjom tal-missier naturali u cioe' "S";*
5. *Tordna jekk ikun il-kaz l-korrezzjoni f'kull att iehor relattiv u sussegwenti ghal tali certifikat tat-twelid;*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati, jew min minnhom, ingunti ghas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet ta' din il-Qorti gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 16 ta' Frar 2022, a fol 15 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi preliminarjament, l-esponent jirrileva illi l-mertu ta' din il-kawża, ossia l-*

*paternità tal-minuri SBB , huwa s-suġġett ta' kawża oħra bin-numru ta' referenza 259/2021JPG, istitwita quddiem din l-Onorabbli Qorti kif preseduta, u għalhekk l-esponent huwa tal-umli fehma illi l-partijiet għandhom jitolbu illi l-kawżi in kwistjoni jinstemgħu flimkien għall-ekonomija u l-integrità tal-ġudizzju;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, b'referenza partikolari għall-paternità in kwistjoni tal-minuri SBB , l-esponent jissottometti illi mhux edott mill-fatti li ġew iddikjarati mir-rikorrenti fir-rikors ġuramentat u għaldaqstant qiegħed jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;*

3. *Illi tenut kont taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ kif spjegati fil-premessi tar-rikors ġuramentat promotur, sabiex ikunu jistgħu jintlaqgħu it-talbiet attriċi, jeħtieġ li r-rikorrenti tegħleb il-preżunzjoni legali maħluqa tramite l-Artikolu 81 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta billi adegwatament u b'mod konvinċenti turi li l-pussess ta' stat tal-minuri SBB  ma jaqbilx mal-att tat-twelid tiegħu;*

4. *Illi r-rikorrenti għandha fuqha wkoll l-oneru li ġġib il-prova illi fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid ta' binha minuri, hija wettqet adulterju u di piu' trid tipprova, inter alia, tramite r-riżultat ta' testijiet ġenetiċi illi għandhom jiġu maħlufa mill-persuna teknika illi wettqithom, illi l-missier naturali tal-imsemmi minuri huwa l-intimat BS u mhux LM ;*

5. *Illi fir-rigward tat-tielet talba attriċi, f'każ li jintlaqgħu l-ewwel żewġ talbiet attriċi minn din l-Onorabbli Qorti, l-esponent jistieden lill-intimat BS sabiex permezz ta' nota jippreżenta d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament is-segwenti: (1) In-numru tal-karta tal-identità tiegħu, (2) Ismu u kunjomu, (3) L-età tiegħu meta twieled il-minuri SBB , (4) Il-post tat-twelid tiegħu, (5) Il-post ta' residenza tiegħu meta twieled il-minuri, (6) L-isem u l-kunjom tal-ġenituri tiegħu u (7) Jekk il-ġenituri tiegħu kinux ħajjin meta twieled il-minuri SBB .  Tali informazzjoni tkun meħtieġa biex eventwalment tiġi inserita fl-Att tat-Twelid tal-minuri;*

6. *Illi f'każ illi jintlaqgħu it-talbiet attriċi, l-esponent huwa tal-umli fehma illi d-dettalji tad-data u l-lok taż-żwieġ għandhom ukoll jitħassru minn fuq l-att tat-*

*twelid tal-minuri SBB innumerat 5433/2021, u għalhekk ir-rikorrenti għandha tagħmel id-debita talba f'dan ir-rigward;*

7. *Illi fir-rigward tar-raba' talba attriċi, u f'każ illi jintlaqgħu l-ewwel tliet talbiet attriċi, il-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandu jassumi l-minuri SBB ;*

8. *Illi fir-rigward tal-ħames talba attriċi, fejn qed jintalab illi f'każ li jkunu ordnati korrezzjonijiet fl-att tat-twelid tal-minuri, dawn ikunu riflessi wkoll f'kull att relattiv u sussegwenti għal tali ċertifikat tat-twelid, id-Direttur intimat jirrileva illi sabiex isir tibdil f'atti oħrajn, l-attriċi għandha tispeċifika liema huma dawn l-atti bin-numru progressiv u s-sena relattiva tagħhom;*

9. *Illi finalment, u dejjem mingħajr preġudizzju għas-surreferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u għalhekk huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

10. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi nġunta in subizzjoni.*

Rat in-Nota ta' Amissjoni ta' BS datata 4 ta' Marzu 2022, a fol 27;

Rat ir-risposta ta' LM datata 4 ta' Marzu 2022 a fol 30, li taqra hekk:

1. *Illi l-ewwel, it-tieni, t-tielet u r-raba talbiet m'humiex opposti, b'dan illi qabel ma jintlaqaw l-imsemmija talbiet ghandhom isiru dawk it-testijiet u provi genetici u xjentifici illi jigu wkoll ordnati minn dina l-Onorabbli Qorti, kif mitlub mill-esponent LM fil-proceduri numru 259/2021 JPG;*

2. *Illi l-hames talba m'hijiex opposta;*

3. *Illi t-talba dwar il-kap tal-ispejjes hija opposta. Il-konvenut ghandu d-dritt illi l-materja tal-paternita tal-wild tigi stabbilita b'mod illi ma tista qatt tigi attakkatta, fil-futur. Ukoll ghalhekk billi jsir stharrig xjentifiku li jigi vantagjat b'sentenza li tghaddi in judicat.*

   *Salv ecezzjonijiet ulterjuri.*

**Dikjarazzjoni tal-fatti** *ta' LM :*

1) *Illi l-partijiet zzewgu fl-8 ta' Mejju 2002 u minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt itfal u cioe, B li twieled f'X u G illi twieldet f'Y;*

2) *Illi l-esponent u l-attrici ABB ilhom de facto mifrudin u jghixu separatament minn Ottubru tas-sena 2019;*

3) *Illi l-partijiet bhalissa ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni, bin-numru ta' referenza 184/20 AL;*

4) *Illi f'Z, l-attrici, ABB , weldet tarbija, u cioe SBB ;*

5) *Illi l-imsemmi tifel SBB twieled minn relazzjoni extra-maritali illi l-attrici kellha ma' ragel iehor u ghalhekk l-imsemmi wild m'huwiex il-wild naturali tal-esponent;*

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat d-digriet taghha datat 7 ta' Novembru 2022 li permezz tieghu, il-Qorti ordnat li l-provi kollha migjuba fir-Rikors Guramentat 259/2021JPG japplikaw ghall-proceduri 261/2021 JPG u vice versa (vide fol 40);

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni mill-avukati difensuri tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

**Mix-xhieda ta' ABB** jirrizulta illi (vide fol 41 tal-proceduri 261/2021) hija kienet izzewget lil LM fit-8 ta' Mejju 2002 u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal, B u G. Hija xehdet li dan iz-zwieg ma rnexxiex ghaliex zewgha kien assenti mid-dar u kien jabuzha fizikament, psikologicament u finanzjarjament. F'Settembru 2019 bdew il-proceduri ta' separazzjoni ghaliex LM kien abbanduna d-dar matrimonjlai u qatt ma kien hemm rikonciljazzjoni. Certu BS, xi zmien wara, kien ghamel kommunikazzjoni ma' ABB wara trapass ta' dsatax (19)-il sena. Infatti gew ezebiti l-ewwel messaggi ta' S ma' ABB a fol 50 eq seqq. **Jirrizulta mill-messaggi li LM baghat lil martu f'Gunju 2019 li juru li M kien ddecieda li z-zwieg tieghu ma ABB kien spicca.**

Illi insegwitu tal-kuntatt li ghamel S, ABB u B bdew jiffrekkwentaw lil xulxin u minn din ir-relazzjoni twieled SBB , f'Z. Mid-data ta' separazzjoni f'Settembru 2019 sat-twelid tat-tarbija, M u BB qatt ma rrikonciljaw.

Ill in segwitu ta' dana kollu, ABB intavolat ittra ufficjali sabiex SBB jiehu kunjom missieru naturali cioe S. Fil-fatt kienet thejjiet seduta quddiem l-Onor. Imhallef Emeritus Joseph Galea Debono u, minkejja li LM wieghed le ser jattendi ghas-seduta, huwa naqas li jaghmel dan. Ghalhekk kellhom jigu intavolati proceduri litigjuzi.

**Dr BS, a fol 74 ,** fl-affidavit tieghu xehed illi huwa missier naturali ta' SBB , mwieled nhar Z. Xehed illi qabel l-ahhar gimgha ta' April 2021 huwa kien jahdem barra minn Malta, u cioe' fl-Olanda ghall-hmistax (15)-il sena. Wara dan, kien ghamel erba' (4) snin shah jistudja l-Amerika. Kkonferma li kien kkuntattja lil ABB fid-**19 ta' Settembru 2019** biex jaghtiha il-kondoljanzi wara l-mewt t'ommha. L-ahhar kuntatt ma' ABB qabel id-**19 ta' Settembru 2019,** kien fl-1999.

Xehed illi ABB kienet fethet qalbha mieghu, qaltlu bl-abbuz li kienet sofriet fiz-zwieg taghha ma LM , bil-kawza ta' separazzjoni inizjata u f'Dicembru 2019, ABB zaret l-Olanda ghall-btala u bdew relazzjoni. F'Z, twieled SBB . Minkejja li BS pprova jirregistra lil ibnu SBB f'ismu, dan ma kienx legalment possibbli, ghaldaqstant intavolaw proceduri appoziti izda LM naqas li jidher ghal zewg seduti quddiem L-Onor Imhallef Emeritus Dr Joseph Galea Debono. Ghaldaqstant, kellhom jigu intavolati il-proceduri litigjuzi.

In kontro-ezami BS xehed li qatt ma kien hemm kommunizzjoni bejnu u ABB qabel 2018 u qatt ma kien involut fil-kura ta' omm ABB (vide fol 60 – proceduri 259/2021).

Fix-xhieda tieghu a fol 58A tar-rikors guramentat 259/2021, LM xehed illi huwa zzewweg lil ABB fit-8 ta' Mejju 2002 u kellhom zewgt itfal. Iz-zwieg tkisser minhabba l-agir offenssiv u degretanti da parti ta' ABB fil-konfront tieghu. Sostna li f'Ottubru 2019 telaq mid-dar matrimonjali wara li l-koppja kienu siefru Parigi f'Settembru fejn ddecidew li z-zwieg taghhom kien spicca. LM sostna li ABB kellha kuntatti ma BS qabel id-dati li indikat hi fix-xhieda taghha.

In kontro-ezami, LM jikkonferma li mid-data li telaq mid-dar matrimonjali, huwa qatt ma kellu relazzjonijiet intimi ma' martu ABB . **Xehed illi t-tifel twieled sena u nofs wara li telaq mid-dar** u ghalhekk **'ovvjament'** kien **jaf** li t-tarbija ma kienetx tieghu. M ftakar li kien **rcieva telefonata minn Identity Malta minhabba c-certifikat tat-twelid ta' SBB** – izda nformahom li kien qed jsegwi l-pariri tal-avukat tieghu.

**Ikkonsidrat:**

Illi permezz ta' din l-azzjoni l-attrici qed titlob illi l-intimat BS jigi dikjarat bhala l-missier naturali ta' SBB li twieldet f'Z liema twelid gie registrat mir-rikorrenti, u gie dikjarat illi l-minuri kien iben zewgha LM hekk kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid bin-numru ta' registrazzjoni *a fol 7* tal-atti; sabiex isir l-korrezzjoni fuq c-certifikat tal-minuri SBB billi jitnehhew il-konnotati ta' LM minn fuq ic-certifikat tat-twelid tal-minuri u jigu sostitwitti bil-konnotati ta' BS; sabiex il-minuri ikun maghruf kunjom il-missier naturali tieghu u cioe' 'S' u jsiru l-korrezzjonijiet fuq l-att tat-twelid tal-minuri;

Din il-kawza hija ghalhekk ibbazata fuq l-artikolu 86A tal- Kodici Civili, li jipprovdi:

> ***"L-omm ta' iben imnissel jew imwieled barra miż-żwieġ li ma jiġix magħruf mill-missier, u dak l-istess tifel, jistgħu f'kull żmien iressqu talba ġudizzjarja biex tiġi stabbilita l-paternità tat-tifel u biex il-qorti tordna r-reġistrazzjoni ta' dik il-paternità fl-atti tal-istat ċivili relattivi."***

Il-Qort rat ukoll illi l-partijiet isottoponew ruhhom ghat-testijiet genetici sabiex tigi accertata l-paternita' tat-tifel b'mod xjentifiku. Il-Qorti taghraf illi f'kazijiet bhal dawn il-prova regina huwa l-ezami xjentifiku tad-DNA. Kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta:

***"...f'kawżi bħal dawn, il-provi xjentifiċi u ġenetiċi huma l-prova reġina u għalhekk il-Qorti tista' tiddependi fuqhom mingħajr analiżi ta' provi oħra u cioe jekk l-attriċi possibilment kellhiex relazzjonijiet sesswali ma' rġiel oħra, oltre l-konvenut…fiż-żmien tal-konċepiment tal-minuri..."*** [1]

Il-Qorti rat illi skont ir-rapport guramentat ta' Dr. Marisa Cassar nominata nhar l-4 ta' Marzu 2020 (fol 32 – proceduri 259/2021) it-testijiet genetici li saru fuq S u t-tifel jistabilixxu illi Dr BS huwa l-missier bijologiku tat-tifel (*vide fol 39 u 40-proceduri 259/2021)* waqt li r-rapport ta' DNA a fol 40 u 41 (proceduri 259/2021) , jeskludi LM fil-kwistjoni ta' paternita' tal-minuri SBB . Illi ghalhekk, u in vista tar-rapporti xjentifici ta' Dr. Marisa Cassar minnha guramentati, il-Qorti tqis illi gie stabbilit b'mod car u inekwivoku, illi Dr BS huwa l-missier bijologiku tal-minuri iben il-partijiet u mhux l-intimat LM .

Rigward il-kwistjoni tal-kunjom tal-minuri, l-omm talbet illi l-minuri jgib il-kunjom S. Illi hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi dan ikun fl-ahjar interess tal-minuri anke in vista tal-eta tieghu li mhux ser jkun wisq disagu ghalih. Illi ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri illi jkun maghruf bil-kunjom 'S'.

Ghar-rigward il-kap tal-ispejjes, ikkonsidrat illi l-kundABB ghall-hlas tal-ispejjez hija regolata mill-ligi u cioe l-artikolu 223 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi hekk:

***"(1) Kull sentenza definittiva għandha tikkundABB lit-tellief għall-ispejjeż.***

***(2) Fil-każijiet kollha, il-qorti tista' tordna li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha, meta kull waħda mill-partijiet tkun it-tellief a f'xi punt tal-kawża, jew meta jindaħlu kwistjonijiet diffiċli tal-liġi, inkella għal xi raġuni tajba oħra."***

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet HLB Falzon & Falzon vs Josette Xuereb deciza mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Settembru 2004 fejn dwar dan l-artikolu gie spjegat illi:

***"Jinsab ritenut illi "minn din id-disposizzjoni esplicita jirrizulta car u manifest li l-Qorti meta tittempera l-ispejjez ma tistax tmur aktar l''hemm milli tordna illi***

[1] A B vs C D et, Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) (Rik. Gru. Nru. 79/16) 25 April 2018.

*lispejjez ma jigux intaxxati; salvi eccezzjoni specjalissimi" (Kollez. Vol XLVIII pI p445; Vol XXXIX pI p340; Vol XXVI pI p173);*

*Huwa rikonoxxut pero` li jezistu kazijiet li fihom ma tkunx qed issir gustizzja malparti proceduralment sokkombenti jekk ma tigix b'danakollu mehlusa ghal kollox mill-ispejjez. Gie infatti enuncjat illi "l-imsemmija disposizzjonijiet tal-ligi taghna ma jidhirx li kkonsidraw dawk ir-regoli bhala normi talment tassattivi u nflessibbli illi ma jippermettux f'certi kazijiet illi l-parti proceduralment vincitrici tehel lispejjez kollha" (Kollez. Vol XLIX pI p190). B'ezemplari din is-sentenza ssemmi lkaz fejn il-proceduri jsiru fl-interess esklussiv tal-attur u l-konvenut ma jkollu lebda nteress li jikkontesta u s-sokkombenza tieghu tkun wahda sempliciment formali. Hekk insibu a Vol XXXIII pII p55 illi "jekk l-atturi jridu dikjarazzjoni mill-Qorti l-ligi ma tipprojbix illi l-Qorti tippresta l-ufficcju taghha biex taghti dik iddikjarazzjoni pero` a spejjez ta' min jitlobha, jekk il-parti l-ohra ma tikkontestax id-dikjarazzjoni". Ezemplari iehor hu dak fejn l-attur jitlob il-korrezzjoni tal-atti tal-istat civili. Anke hawn di norma l-ispejjez jigu sopportati mill-attur."*

Il-Qorti tosserva illi ghalkemm l-attrici ntavolat il-proceduri odjerni fis-sena 2021, l-intimat inghata u kellu ukoll l-fakolta' li jirrispondi ghall-ittra ufficjali prezentata mill-attrici fit-tnejn ta' Mejju 2018. Din il-procedura hija wahda facile u ferm anqas kostuza minn din odjerna. L-intimat pero ghazel li ddeklina milli jadopera tali procedura minkejja li inghata zewg seduti mill-Qorti biex jaghmel dan. Ghalhekk l-attrici kienet kostretta tipprocedi b'litigazzjoni. Illi fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti tqis illi l-intimat LM  ghandu jbaghti parti mill-ispejjez tal-proceduri kollha, inkluz dawk tad-Direttur tar-Registru Pubbliku.

**Illi ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici kif gej:**

1. **Tiddikjara illi l-intimat BS detentur tal-karta tal-identita' bin-numru W huwa l-missier bijoloġiku tal-minuri, SBB  imwieled f'Z lil ABB  (ID V) u mhux iben il-konvenut LM ;**

2. **Tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex fiċ-ċertifikati tat-twelid tal-minuri, SBB  innumerat 5433/2021 fid-dettalji ta' missier it-tarbija, huwa jħassar**

**il-kliem "LM " u minflok inizzel id-dettalji tal-konvenut BS u cioe' BS detentur tal-karta tal-Identita' Maltija bin-numru W;**

3. **Tordna ukoll illi l-partikolarijiet relattivi ta' BS detentur tal-karta tal-Identita' Maltija bin-numru W, ghal professjoni, sengha jew stat iehor, ghall-eta', ghall-post tat-twelid u residenza, u ghal isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet, in kwantu jirreferu ghal missier il-minuri, jigu korretti skond il-ligi u mhassra l-istess konnotati li jirreferu ghal LM ;**

4. **Tordna, illi l-minuri SBB jkun maghruf bil-kunjom *S*.**

**L-ispejjeż, inkluzi dawk tal-mizati dwar DNA Tests u tad-Direttur Registru Pubbliku, ghandhom jigu sopportati kwantu ghal nofs minn LM u kwantu ghal kwart minn ABB u kwantu ghal kwart minn Dr BS.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**